MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 142/2009

**GO plc**

**Vs**

**Road Maintenance Services Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti mis-socjeta attrici nhar l-ghoxrin (20) ta’ Frar 2009 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ hamest, elef sitt mija tlieta u disghin u sbatax il euro (€5,693.17) in konnessjoni ma’ hsarat kkagunati lil proprjeta tal-istess socjeta mittenti fi Triq Toni Zahra, Zejtun, matul ix-xahar t’Awwissu 2007, u dan skond fattura bir-referenza MC04255 datata tmienja w ghoxrin (28) ta’ Settembru 2007 (File relattiv GT3/2007/17).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-presenti u tal-Ittra Ufficcjali bir-referenza 498/08 debitament notifikata u tat-taxxa fuq

id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi is-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni nhar l-erbgha (4) ta' Mejju 2009 skond ir-riferta tal-Marixxal Reno Spiteri li tinsab a fol. 12 tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-tmienja (8) ta' Lulju 2009 is-socjeta konvenuta giet imsejjha diversi drabi izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba tas-socjeta attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma stante nuqqas ta' opposizzjoni.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamest, elef sitt mija tlieta u disghin u sbatax il-euro (€5,693.17) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------